TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/147/11/S

Roslyn Zampa
Vs
FGL Information Technology Ltd.

Illum 4 ta'Mejju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Roslyn Zampa datata 15 ta'Marzu,2011 u r-risposta tas-socjeta FGL Information Technology Ltd. Ipprezentata fil-21 t'April,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku Dr.Martin Bajada, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-16 ta'Marzu,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'laptop' li inxtara f'Awwissu tas-sena 2009 u skont ir-rikorrenti, f'Jannar tas-sena 2011, l-'iscreen' gie isfar;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment sar fi zmien sentejn mix-xiri tal-prodott u ghalhekk irid jigi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' konformita skont il-ligi;

Illi billi l-ilment sar wara li ghaddew is-6 xhur minn meta inxtara l-prodott, il-prova ta' nuqqas ta' konformita tris issir mir-rikorrenti u dan skont l-artiklu 78 tal-Kap .378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-partijiet trattaw ir-rapport u l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku;

Illi bhala konkluzjoni l-espert tekniku spjega li *"l-hsara fuq dan il-lap-top mhux difett fil-manifattura. Il-hsara li tirrizulta fil-LCD li tista' tigi kagunata jew minn power surge fejn garrab hsara l-inverter jew wear and tear..."*;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tar-rikorrenti Roslyn Zampa u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata FGL Information Technology Ltd., bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz tal-espert tekniku jithallsu mir-rikorrenti Roslyn Zampa.

Richard Sladden Av.
Arbitru